

RAPPORT PUBBLIKU EWROPEW TA' VALUTAZZJONI (EPAR)

EVISTA

Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport Pubbliku Ewropew ta' Valutazzjoni (EPAR). Jispyega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-istudji mwettqa sabiex jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif tintuża l-mediċina. Jekk teħtieġ aktar informazzjoni dwar il-kundizzjoni medika tiegħek jew it-trattament tiegħek, aqra l-Fuljett ta' Tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Jekk tixtieq aktar informazzjoni relatata mar-rakkomandazzjonijiet tas-CHMP, aqra d-Diskussjoni Xjentifika (ukoll parti mill-EPAR).

X'inhu Evista?

Evista huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva raloxifene kloridrat (hydrochloride). Huwa disponibbli bħala pilloli bojod ovali (60 mg).

Għal xiex jintuża Evista?

Evista jintuża għat-trattament u l-prevenzjoni tal-osteoporozzi (marda li tagħmel l-għadam fraġli) f'nisa li għadew mill-menopawża. Intwera li Evista jnaqqas b'mod sinifikanti l-ksur vertebrali (tas-sinla tad-dahar), iżda mhux il-ksur fil-ġenbejn.

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta tat-tabib.

Kif jintuża Evista?

Id-doża rakkomandata għall-adulti u għall-anzjani hija ta' pillola waħda kuljum, fuq stonku vojta jew le. Il-pazjenti jistgħu jirċievu wkoll supplimenti ta' kalċju u ta' vitamina D jekk ma jkunux qegħdin jieħdu biżżejjed mid-dieta tagħhom. Evista huwa maħsub għal użu fit-tul.

Kif jaħdem Evista?

L-osteoporozzi sseħħ meta ma jikbrix għadam ġdid biżżejjed biex jissostitwixxi l-għadam li jtkisser b'mod naturali. Gradwalment, l-għadam isir irqieq u fraġli, u jsir iktar probabbli li jinqasam (ksur). L-osteoporozzi hija aktar komuni fin-nisa li għadew mill-menopawża minħabba t-naqqis tal-livelli tal-ormoni tan-nisa, l-estroġeni: l-estroġeni jnaqqas ir-ritmu li bih jtkisser l-għadam u jagħmel l-għadam inqas suxxettibbli għall-ksur.

Is-sustanza attiva f'Evista, raloxifene, hija modulator selettiv tar-riċettur tal-estroġeni (SERM). Raloxifene jaġixxi bħala 'agonista' tar-riċettur tal-estroġeni (sustanza li tistimula r-riċettur għal estroġeni) f'xi tessuti fil-ġisem. Raloxifene għandu l-istess effett bħal estroġeni fl-għadam, iżda ma għandux effett fuq is-sider jew fuq il-ġuf.

Kif ġie studjat Evista?

Evista ġie studjat fit-trattament u fil-prevenzjoni tal-osteoporozzi f'erba' studji prinċipali. Tliet studji eżaminaw il-prevenzjoni tal-osteoporozzi f'1,764 mara ttrattati b'Evista jew bil-plaċebo (trattament finta) għal sentejn. L-istudji kejlju d-densità tal-għadam.

Ir-raba' studju qabel l-effetti ta' Evista ma' dawn ta' plaċebo fit-trattament tal-osteoporozzi f'7,705 nisa fuq erba' snin. Il-kejl ewlieni tal-effikaċja kien kemm nisa kellhom ksur vertebrali matul l-istudju.

Liema benefiċċju wera Evista waqt l-istudji mwettqa?

Evista rriżulta aktar effikaċi mill-plaċebo fil-prevenzjoni u fit-trattament tal-osteoporozzi.

Fil-prevenzjoni tal-osteoporozzi, in-nisa ttrattati b'Evista kellhom żieda fid-densità tal-għadam fil-ġenbejn jew fis-sinla tad-dahar ta' 1.6% fuq sentejn, u dawk ittrattati bil-plaċebo kellhom tnaqqis ta' 0.8%.

Meta użat fit-trattament tal-osteoporozzi, Evista rriżulta aktar effikaċi mill-plaċebo fit-tnaqqis tan-numru ta' ksur vertebrali. Fuq erba' snin, meta mqabbel mal-plaċebo, Evista naqqas in-numru ta' ksur vertebrali ġodda b'46% f'nisa li jbatu mill-osteoporozzi u bi 32% f'nisa li jbatu mill-osteoporozzi u ksur eżistenti. Ma kien hemm ebda effett ta' Evista fuq ksur tal-ġenbejn.

X'inhum r-riskju assoċjat ma' Evista?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Evista (li jidhru f'aktar minn pazjent 1 minn kull 100) huma t-twessigħ tal-arterji u tal-vini (vasodilation) (fwawar) u sintomi simili għal dawk tal-influwenza. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji kollha rrapportati b'Evista, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

Evista ma għandux jintuża minn nisa li:

- jistgħu jinqabdu tqal;
- għandhom jew kellhom disturbji fl-għaqid tad-demem, inkluż trombożi tal-vini fil-fond u emboliżmu pulmonari (ċappa demm fil-pulmun);
- għandhom marda fil-fwied, marda gravi fil-kliewi, fsada mingħajr raġuni mill-ġuf jew kanċer tal-endometriju (kanċer tal-inforra tal-ġuf).

Evista ma għandux jintuża minn persuni li jistgħu jkunu ipersensittivi (allerġiċi) għal raloxifene jew għal xi sustanza oħra tiegħu.

Għaliex ġie approvat Evista?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ikkonkluda li Evista wera l-effikaċja tiegħu fil-prevenzjoni u fit-trattament tal-osteoporozzi, u ma kellu ebda effett fuq is-sider jew fuq il-ġuf. Il-Kumitat iddeċieda li l-benefiċċji ta' Evista huma akbar mir-riskji tiegħu għat-trattament u l-prevenzjoni tal-osteoporozzi f'nisa li jkunu għaddew mill-menopawża. Il-Kumitat irrakkomanda li Evista jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

Aktar tagħrif dwar Evista:

Il-Kummissjoni Ewropea tat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni Ewropea kollha għal Evista fil-5 ta' Awwissu 1998. L-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ġiet mġedda fil-5 ta' Awwissu 2003 u fil-5 ta' Awwissu 2008. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq huwa Daiichi Sankyo Europe GmbH.

L-EPAR sħiħ għal Evista jista' jiġi kkonsultat [hawn](#).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fi: 01-2009.